# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 1**

**Ċitazzjoni numru 180/2002 AF**

**Joseph Attard u Sharon Attard**

***v.***

**Wilfred Abela, Norbert Abela, John Abela, Josephine mart Salvino Camilleri, Raymond Abela, John Abela, Tony Abela, Constance mart Albert Mercieca, Anthony Zammit, Josephine armla minn Robert Farrugia Randon, Carmen mart Alex Vella, Margaret mart Anthony Debono, Constantino Falzon, Dr Nicolai Vella Falzon u Dr Claire Stafrace Zammit**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Frar 2013 li ċaħdet talba tagħhom biex il-konvenuti jiġu kundannati jersqu għall-pubblikazzjoni ta' att ta' bejgħ ta' im-mobbli biex iwettqu wegħda ta' bejgħ magħmula mill-awtriċi tagħhom favur l-atturi.

2. B'kitba tal-24 ta' April 2001 Vincenza Langley, awtriċi ta' wħud mill-konvenuti, intrabtet li tbigħ lill-atturi l-utli dominju perpetwu ta' proprjetà immobbli. Wara l-mewt ta' Vincenza Langley l-konvenuti ġeddu din il-wegħda ta' bejgħ b'seħħ sal-20 ta' Jannar 2002 b'kitba oħra tad-19 ta' Diċembru 2001, iżda baqgħu ma resqux għall-pubblikazzjoni tal-att relativ ta' bejgħ għalkemm l-atturi sejħulhom jagħmlu hekk b'ittra ġudizzjarja tat-18 ta' Jannar 2002. L-atturi igħidu li b'hekk ġarrbu danni għax b'kitba oħra tal-25 ta' Mejju 2001 huma kienu ċedew id-drittijiet tagħhom taħt il-wegħda ta' bejgħ lil terzi u, minħabba n-nuqqas tal-konvenuti, ma jistgħux iwettqu dak li ntrabtu li jagħmlu favur terzi.

3. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ.

4. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi l-wegħda ta' bejgħ ma tiswiex i. għax Vincenza Langley ma kinitx sidt il-fond u għalhekk ma setgħetx tbigħu, ii. għax seħħet kondizzjoni riżoluttiva li tgħid illi l-ftehim jinħall jekk jirriżulta illi l-arja tal-immobbli ma hijiex tal-istess Vincenza Langley, u iii. għax il-ftehim huwa msejjes fuq żball dwar is-sustanza nnifisha tal-oġġett tal-ftehim. Ressqu wkoll l-eċċezzjoni illi l-konvenuti Nicolai Vella Falzon u Claire Stafrace Zammit ma humiex kontradittturi leġittimi għax ma humiex werrieta ta' Vincenza Langley iżda biss jirrappreżentaw lill-konvenuti l-oħra, u għalhekk għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju.

5. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva u ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza l-atturi qed jitolbu lill-qorti ġġiegħel lill-konvenuti, uħud werrieta ta' Vincenza Langley, biex jersqu għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgħ ta' fond li l-imsemmija Langley kienet wegħdet li tbigħ lill-atturi permezz ta' konvenju mġedded mill-istess eredi. Il-konvenuti l-ewwel ma jsostnu hu li Dr Vella Falzon u Dr Stafrace Zammit ma kellhomx jiġu mħarrka għar-raġuni li huma m'humiex eredi. Fid-dawl tad-dikjarazzjoni magħmula mid-difensur tal-atturi quddiem il-qorti diversament presjeduta fit-23 ta' April 2002, il-qorti kif presjeduta llum tqis li din l-eċċezzjoni, hija ġustifikata u jisthoqqilha li tintlaqa'.
>
> »L-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti kollha għandhom x'jaqsmu mal-mertu. Dawn kollha jirrigwardaw dak li jsostnu l-konvenuti u *cioè* li ġaladarba l-fond ma kienx jappartjeni fl-intier tiegħu lil Vincenza Langley, l-istess konvenju huwa null.
>
> »Mill-provi prodotti jirriżulta illi Vincenza Langley, permezz ta' konvenju datat 24 ta' April 2001, obbligat ruħha li tbigħ lill-atturi mezzanin f'San Pawl il-Baħar. Meta Vincenza Langley ġiet nieqsa, l-eredi tagħha ġeddew il-konvenju bl-istess kundizzjonijiet. Meta n-nutar inkarigat beda jagħmel ir-riċerki relativi huwa sab li l-fond kien ġie akkwistat minn Vincenza Langley meta din kienet miżżewġa u għalhekk seta' jiġri li l-fond kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Susseg-wentement, fil-fatt, irriżulta li Vincenza Langley kienet iżżewġet Malta, però għexet barra minn Malta għal xi snin. Il-koppja kienu ilhom snin li rritornaw lura Malta meta nxtara l-fond mertu tal-kawża. Jirriżulta wkoll li meta nxtara l-fond żewġha kien għadu ħaj. Kien f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-konvenuti eredi ta' Vincenza Langley għażlu li ma jersqux għall-kuntratt finali peress illi kienu tal-fehma li ma setgħux jiggarantixxu l-paċifiku pussess. Huma ma kinux disposti jieħdu riskju li jinqala' xi ko-proprjetarju ieħor. Fil-fehma ta' din il-qorti, l-aġir tagħhom kien gusti-fikat.
>
> »Madanakollu, ma jistgħux fiċ-ċirkostanzi [*sc.* igħidu] li l-konvenju huwa null, u dan għar-raġuni illi, kif sostniet il-Qorti tal-Appell fil-kawża <u>Zahra *v.* Cutajar</u> fil-25 ta' Frar 2005:
>
> > »"Il-wegħda ta' bejgħ hija valida anke jekk min ikun qed iwiegħed li jbigħ ma jkunx is-sid tal-ħaġa li fuqha jkun sar il-qbil u żżid li f'każ simili l-venditur prospettiv għandu l-obbligu li jakkwista l-ħaġa mwiegħda biex ikun jista' jbigħha. Jekk ma jseħħlux li jiksibha, b'hekk ma jinħelisx mill-obbligazzjoni tiegħu iżda jkollu jwieġeb għad-danni talli ma jkunx wettaq dak li wiegħed. Il-kreditriċi għandha wkoll l-għażla li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibbli."
>
> »Dan premess, però, din il-qorti xorta waħda jeħtiġilha teżamina u tiżen jekk l-azzjoni proposta mill-atturi hijiex ġustifikata.
>
> »Issa l-art. 1357 tal-Kap. 16 testwalment jipprovdi illi:
>
> > »"**1357**. (1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi

> aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas iddanni lill-aċċettant.
>
> »"(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix preżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien."

»Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza <u>Cachia *v.* Cutajar</u> (deċiża fl-1 ta' Lulju 2005):

> »"La darba l-istess konvenuti ma setgħux jonoraw l-obbligi tagħhom assunti fil-konvenju, u *cioè* li jiggarantixxu l-paċifiku pussess, dan il-bejgħ ma setax isir u konsegwentement dik il-wegħda ma setgħetx tiġi enforzata u l-uniku rimedju li kellhom l-atturi kien dak ta' risarċiment ta' danni minħabba l-inadempjenza tal-istess konvenuti."

»Fil-kaz in eżami, l-atturi għażlu li jaġixxu *ai termini* tas-subinċiż (2) tal-fuq ċitat artikolu tal-liġi. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, il-qorti tqis li m'għandhiex għalfejn tidħol fl-argumenti mressqa mill-atturi rigward ir-ratifika tal-wegħda da parti tal-konvenuti għaliex, *se mai*, dawn kienu jassumu rilevanza kieku l-atturi odjerni talbu d-danni.

»Il-qorti tqis *inoltre* li l-konoxxenza *o meno* da parti tal-konvenuti, tar-riskju li l-proprjetà ma kinitx tappartjeni kollha lid-defunta, ma għandu jkollha ebda effett fil-kawża odjerna, fejn il-konvenuti qed jintalbu biss li jersqu għall-att finali, ħaġa li ma jistgħux korrettement jagħmlu.

»Għal dawn ir-raġunijiet, il-qorti taqta' u tiddeċiedi billi, filwaqt li tillibera lil Dr Nicolai Vella Falzon u Dr Claire Stafrace Zammit mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-konvenuti l-oħra, b'riżerva ta' kull dritt ieħor spettanti lill-atturi skont il-liġi.

»L-ispejjeż jitħallsu mill-atturi.«

6. L-atturi appellaw minn din is-sentenza (ħlief mill-parti dwar in-nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva ta' wħud mill-konvenuti) b'rikors tat-8 ta' Marzu 2013 li għalih l-atturi wieġbu fit-12 ta' April 2013. L-aggravji tal-atturi huma illi i. il-konvenuti irratifikaw il-wegħda ta' bejgħ għalkemm kienu jafu bid-difett fit-titolu; ii. ma hux minnu illi Vincenza Langley ma kellhiex titolu weħedha fuq l-immobbli; iii. ukoll jekk Vincenza Langley ma kellhiex titolu weħedha fuq l-immobbli, dan ma jeħlisx lill-konvenuti mill-obbligazzjonijiet tagħhom taħt il-wegħda ta' bejgħ; u iv. illi l-

wegħda ta' bejgħ ma kellhiex titqies nulla minħabba fi żball dwar is-sustanza nfisha tal-oġġett tal-ftehim. Ressqu wkoll aggravju dwar l-ispejjeż.

7. Fl-ewwel aggravju l-atturi jgħidu illi meta ġeddew il-wegħda ta' bejgħ għalkemm kienu jafu illi t-titolu tal-awtriċi tagħhom seta' ma kienx tajjeb, il-konvenuti irratifikaw il-wegħda kif igħidu l-art. 1227 u 1228 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk il-ftehim ma jistax jitqies li hu null jew li ma jiswiex:

> »**1227.** It-twettiq jew ir-ratifika ta' obbligazzjoni li kontra tagħha l-liġi tagħti l-jedd għall-azzjoni jew għall-eċċezzjoni ta' rexxissjoni minħabba nullità jew għal raġuni oħra, ikollhom l-effett tagħhom bejn il-partijiet li jikkuntrattaw bla ħsara tal-jeddijiet tat-terzi.
>
> »**1228.** It-twettiq jew ir-ratifika ma jġibux ir-rinunzja għall-azzjoni ta' rexxissjoni, ħlief meta jiġi ppruvat li min wettaq jew irratifika kien jaf bid-difett li jagħti jedd għal dik l-azzjoni.«

8. L-ewwel qorti iżda ma qalitx illi l-wegħda ta' bejgħ hija nulla jew ma tiswiex; anzi qalet espressament illi "ma jistgħux fiċ-ċirkostanzi [*sc.* il-konvenuti jgħidu] li l-konvenju huwa null". It-talbiet tal-atturi ġew miċħuda mhux għax il-qorti qieset li l-wegħda ta' bejgħ ma tiswiex iżda għax kienet tal-fehma li l-konvenuti ma setgħux iwettqu dak li wiegħdu għax ma kellhomx il-proprjetà tal-ħaġa mwiegħda.

9. Dan l-aggravju huwa għalhekk irrelevanti.

10. Fit-tieni aggravju l-atturi jgħidu illi ma huwiex minnu illi Vincenza Langley u, wara, il-konvenuti bħala suċċessuri tagħha, ma kellhomx il-proprjetà tal-ħaġa mwiegħda. Għalkemm jaqblu illi l-fond kien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn Vincenza Langley u żewġha, igħidu illi ma nġibtx prova dwar jekk żewġ Vincenza ħalliex testment jew kellux

axxendenti jew dixxendenti, u għalhekk għandu jitqies illi ntiret *ab intestato* minn martu, li b'hekk kisbet ukoll in-nofs ta' żewġha flimkien man-nofs tagħha tal-komunjoni. Igħidu illi kien imiss lill-konvenuti juru li Vincenza ma wirtitx lil żewġha, u mhux lill-atturi li juru li wirtitu.

11. Huwa minnu illi l-prova illi Vincenza ma kellhiex il-proprjetà tal-intier – dejjem jekk dan hu relevanti għall-meritu, u bla preġudizzju għal dak li sejjer jingħad dwar it-tielet aggravju – kien imiss lill-konvenuti, ladarba dawn jippretendu li l-fatt illi l-awtriċi tagħhom ma kinitx sid tal-intier jeħlishom mill-obbligazzjoni. Din il-prova iżda saret meta ntwera illi l-immobbli kien tal-komunjoni tal-akkwisti u mhux ta' Vincenza Langley weħedha. Il-prova mbagħad li Vincenza kisbet b'wirt is-sehem li ma kienx tagħha kien imiss lill-atturi, u din il-prova ma saritx.

12. Dan l-aggravju wkoll għalhekk ma jistax jintlaqa'.

13. Fit-tielet aggravju l-atturi jgħidu illi wkoll jekk Vincenza Langley u, illum, il-konvenuti suċċessuri tagħha, ma humiex weħedhom sidien tal-immobbli, xorta jibqgħu marbuta jwettqu l-obbligazzjoni tagħhom taħt il-wegħda ta' bejgħ.

14. Il-konvenuti wieġbu hekk:

> »Illi ġjaladarba Vincenza Langley ma kenitx proprjetarja assoluta tal-fond u ġjaladarba l-konvenuti wirtu biss sehem tal-istess fond (u mhux il-proprjetà tal-fond kollu) kienet ġusta u timmerita konferma d-deċiżjoni tal-ewwel onorabbli qorti fis-sens illi l-vendituri ma setgħux jersqu għall-kuntratt finali u dan mhux għaliex dawn iċ-ċirkostanzi jrendu l-konvenju null iżda għaliex (i) il-konvenuti appellati huma f'posizzjoni fejn ma jistgħux iwettqu l-obligazzjoni li jiggarantixxu l-paċifiku puss-ess fuq l-eventwali bejgħ u ma jistax għalhekk jiġi impost fuqhom illi jagħtu garanzija li jafu li ma jistgħu qatt ituha; u (ii) għaliex avverat ruħha kundizjoni resoluttiva imfissra fil-konvenju nnifsu;

»Illi *ai termini* tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 1409 *et seq.* tal-Kap. 16 tal Liġijiet ta' Malta l-konvenuti appellati huma obbligati illi jagħtu garanzija ta' paċifiku pussess u dan huwa rifless ukoll fil-konvenju *de quo* u b'dan huma jagħtu garanzija illi l-atturi m'huma ser isofru ebda tip ta' molestja u/jew evizzjoni mill-fond in kwistjoni wara li jiġi trasferit lilhom u b'hekk jesponu ruħhom għad-danni f'każ illi terzi persuni jvantaw xi pretensjonijiet fuq il-proprjetà in kwistjoni.«

15. Il-qorti tosserva qabel xejn illi jekk isir il-bejgħ li jridu l-atturi dak il-bejgħ ikun bejgħ ta' *res aliena* safejn tkun tinbigħ ukoll dik il-parti tal-proprjetà li ma hijiex tal-konvenuti bejjigħa. Il-bejgħ għalhekk jintlaqat bl-art. 1372 tal-Kodiċi Ċivili:

»**1372.** Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 559[1], u tad-disposizzjonijiet dwar il-Monti kwantu għar-rahan, il-bejgħ ta' ħaġa ta' ħaddieħor hu null:

»Iżda dan il-bejgħ jista' jagħti lok għall-ħlas tad-danni, jekk ix-xerrej ma kienx jaf illi l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor:

»Iżda wkoll, in-nullità ta' dan il-bejgħ ma tista' qatt tiġi opposta mill-bejjigħ.«

16. Relevanti għall-każ tallum huwa l-aħħar *proviso*: "in-nullità ta' dan il-bejgħ ma tista' qatt tiġi opposta mill-bejjigħ" li jfisser illi n-nullità ma hijiex waħda assoluta iżda biss relativa, fl-interess tax-xerrej, mhux tal-bejjigħ. Fi kliem ieħor, il-bejgħ, jekk ma jagħżilx li jwaqqgħu ix-xerrej, ikun jiswa. Ir-raġuni għal dan hija illi l-obbligu tal-bejjigħ, barra dak tal-kunsinna, huwa "li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa" u mhux bilfors li jgħaddi l-proprjetà fil-ħaġa:

»**1409.** Għalkemm fil-kuntratt tal-bejgħ ma tkunx ġiet miftiehma l-garanzija, il-bejjiegħ għandu *de jure* jagħmel tajjeb lix-xerrej għall-evizzjoni li ttellfu l-ħaġa mibjugħa, kollha jew biċċa minnha, u għas-servitujiet u piżijiet li ħaddieħor jippretendi fuq dik il-ħaġa, u li ma jkunux ġew imsemmijin fil-kuntratt.«

17. Il-garanzija ma tingħatax bilfors bi trasferiment tal-proprjetà: kull ma hu meħtieġ hu li l-bejjigħ jintrabat illi "jagħmel tajjeb lix-xerrej għall-

---

1 Dwar pussess ta' ħwejjeġ mobbli.

evizzjoni li ttellfu l-ħaġa mibjugħa, kollha jew biċċa minnha", bħal ma jiġri fil-każ ta' bejgħ bi *promessa de rato*, li hu bejgħ validu għalkemm ta' *res aliena*.

18. Lanqas ma hu minnu illi l-konvenuti fil-każ tallum ma jistgħux jagħtu l-garanzija: il-garanzija ma hijiex li l-proprjetà mibjugħa saret tax-xerrej iżda illi l-bejjigħ "jagħmel tajjeb lix-xerrej għall-evizzjoni li ttellfu l-ħaġa mibjugħa, kollha jew biċċa minnha", u ma hemm xejn li jżomm lill-konvenuti milli jagħtu din il-garanzija biex jagħmlu tajjeb għall-event-walità li s-sidien l-oħra jirrevindikaw is-sehem tagħhom.

19. Għal din ir-raġuni qalet ħażin l-ewwel qorti illi l-konvenuti "ma setgħux jiggarantixxu l-paċifiku pussess" u li għalhekk "l-aġir tagħhom kien gustifikat". Il-konvenuti ntrabtu bil-wegħda ta' bejgħ li jagħtu dik il-garanzija, u jistgħu jagħtuha għax mhux meħtieġ li jkunu sidien biex jintrabtu li jagħmlu tajjeb għall-evizzjoni. Għalhekk ma jistgħux jinħallu mill-obbligazzjoni li daħlu fiha.

20. Il-qorti tagħraf illi hemm sentenzi, fosthom dawk ċitati mill-konvenuti, li jsostnu t-teżi tal-konvenuti, iżda hija tal-fehma illi l-posizzjoni ġuridika-ment korretta hija kif imfissra fuq.

21. Il-konvenuti iżda jkomplu jgħidu illi hemm pattijiet fil-wegħda ta' bejgħ li jagħtuhom jedd illi jinħallu. Dawn il-pattijiet igħidu hekk:

> »Jekk mir-riċerki jirriżulta illi l-arja tal-mezzanin u l-ġnien mhux tal-venditriċi, f'din l-eventwalità dan il-konvenju jiġi xolt u l-venditriċi tobbliga ruħha li tirritorna d-*deposit* lill-kompraturi u l-ebda parti ma jkun baqagħlu ebda dritt pendenza jew pretensjoni kontra l-parti l-oħra.
>
> »… … …

»Dan il-konvenju hu soġġett għall-kondizzjoni li jsiru r-ricerki u kollox lkun *in order*.«

22. Fil-fatt irriżulta mhux biss illi l-ġnien u l-arja ma humiex għalkollox tal-bejjigħa iżda wkoll sehem mill-proprjetà tal-immobbli nnifsu ma huwiex tagħhom.

23. Huwa minnu illi huwa fl-interess tax-xerrej, mhux tal-bejjigħ, illi ssir il-konsenja tal-ħaġa mibjugħa bl-aċċessorji kollha tagħha, u l-bejjigħ ma għandux jingħata l-benefiċċju li jinħeles mill-obbligazzjonijiet tiegħu meta kien minħabba nuqqas tiegħu li l-bejjiegħ qiegħed lilu nnifsu fil-pożizzjoni li ma jkunx jista' jikkonsenja dak li ntrabat li jbigħ. Jekk ix-xerrej hu kuntent li jikseb il-ħaġa mingħajr xi aċċessorji ma għandux jiġi mċaħħad mill-jedd li jieħu għallinqas dak li l-bejjigħ jista' jikkonsenja.

24. Fil-każ tallum iżda l-patt miġjub fuq jidher stipulat f'termini assoluti: "il-konvenju jiġi xolt", u mhux "ix-xerrej ikun jista' jinħall"; igħid espressament illi l-konsegwenza tan-nuqqas ikun illi jinħallu ż-żewġ partijiet. Kien ikun differenti li kieku l-ftehim kien biss li l-konsenja kellha tkun bl-aċċessorji msemmija bla ma jingħad xi jkunu l-konsegwenzi tan-nuqqas[2]. Fil-każ tallum iżda jingħad espressament illi l-konsegwenza tkun li jinħall il-ftehim.

25. L-aggravju għalhekk ma jistax jintlaqa', mhux għax il-konvenuti kienu "ġustifikati" ma jersqux għall-bejgħ billi ma setgux jagħtu l-garanzija li

2 Ara *e.g.* Anthony Stivala *et v*. Gerald De Trafford, App. 25 ta' Frar 2000.

trid il-liġi, kif qalet l-ewwel qorti, iżda għax il-wegħda nħallet meta seħħ il-patt kommissorju inkorporat fil-ftehim.

26. Fir-raba' aggravju l-atturi jgħidu illi l-wegħda ta' bejgħ ma kellhiex titqies nulla minħabba żball fuq is-sustanza tal-oġġett tal-ftehim.

27. Dan l-aggravju huwa irrelevanti għax l-ewwel qorti ma ħassritx il-ftehim minħabba żball.

28. Dwar l-ispejjeż, il-qorti tosserva illi, għalkemm l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud, madankollu, billi kien nuqqas tal-konvenuti illi wassal biex isseħħ il-kondizzjoni li tħoll il-ftehim, huwa xieraq illi l-ispejjeż kollha tal-kawża jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

29. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ħelset lil uħud mill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju u tikkonfermaha wkoll fejn ċaħdet it-talbiet tal-atturi, għalkemm għal raġunijiet differenti minn dawk mogħtija fis-sentenza appellata; tħassarha fejn ikkundannat lill-atturi jħallsu l-ispejjeż u tordna, minflok, illi l-ispejjeż tal-konvenuti li nħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju jħallsuhom l-atturi u l-ispejjeż l-oħrajn, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuti l-oħra.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur

ld